**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2016**

Talba Numru: 924/2011JB

Kawza Numru: 14

**Valletta Gateway Terminals Limited (C38888)**

***vs***

**Redent Zammit (K.I.: 328291M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar l-24 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici qieghda titlob li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u tlieta u erbghin euro u tmienja u sebghin centezmu (€543.78) rapprezentanti danni likwidati, in linea ta' hsara li s-socjeta attrici giet kostretta thallas lil Laferla Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittjiet tal-assigurat taghha United Automobile Limited, l-impurtatur ta' numru ta' vetturi tal-ghamla Opel u dana b'konsegwenza ta' incident li sehh fid-9 ta' Novembru 2009 fuq il-bastiment M/V EC Istanbul meta, waqt li l-Konvenut fil-vesti tieghu ta' haddiem tax-Xatt kien qed isuq vettura gdida tal-ghamla Opel Insignia habat ma' kolonna li tifforma parti mill-infrastruttura tal-bastiment imsemmi, liema habta u danni konsegwenzjali gew kagunati unikament tort tal-konvenut u dana minhabba traskuragni kbira da parti tieghu fil-qadi ta' dmirijietu bhala haddiem tax-xatt. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-28 ta' Novembru 2011;

Ra r-risposta tal-Konvenut pprezentata nhar it-18 ta' Novembru 2011 li permezz taghha l-Konvenut laqa' ghall-azzjoni attrici billi eccepixxa dan li gej:

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal stante li l-kompetenza hija vestita fic-Centru Malti ghall-Arbitragg;
2. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tas-Socjeta Attrici huma legalment insostenibbli, stante li s-Socjeta Attrici ghandha hi stess l-obbligu impost fuqha bhala *terminal operator*, tipprovdi kopertura adatta ta' assigurazzjoni

ghal danni, sakemm dawn ma jkunux kagunati bi traskuragni kbira ai termini tar-Reg. 21A(7) tal-A.L. 90 tal-2003 kif sussegwentement emendat u fil-kaz odjern hi eskluza t-traskuragni grossolana;
3. Illi jispetta lis-Socjeta Attrici li tressaq provi precizi in sostenn ta' dak li qed tallega.

Ra s-sentenza parzjali moghtija nhar is-27 ta' Gunju 2007 li permezz taghha t-Tribunal, diversament presedut, cahad l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenut u ordna l-prosegwiment tal-kawza prevja li ordna li l-ispejjez ta' tali sentenza jkunu a karigu tal-Konvenut;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ra n-noti finali tal-kontendenti;

Ikkunsidra;

Illi din il-kawza tirrigwarda danni fl-ammont ta' €543.78 li sehhew fuq vettura waqt li din kienet qed tinhatt minn fuq bastiment mill-Konvenut, li hu haddiem tax-Xatt. Il-Konvenut qieghed jilqa' ghal din l-azzjoni billi jghid li skond il-ligi li tirregola l-haddiema tax-Xatt, is-Socjeta Attrici bhala operatur ghandha tipprovdi kopertura adatta ta' assigurazzjoni ghal danni, sakemm dawn ma jkunux kagunati bi traskuragni kbira. Is-Socjeta Attrici da parti taghha jidher li qed taccetta dan u min-naha taghha tikkontendi li l-Konvenut agixxa b'negligenza kbira;

Ir-Reg. 21(7) tar-Regolamenti dwar il-Haddiema tax-Xatt jipprovdi espressament li:

> L-operaturi ta' terminal u principali ohra ta' haddiema tal-port ghandhom jipprovdu kopertura adatta ta' assigurazzjoni biex tezimi lill-haddiema tal-port minn kull responsabbiltà ghal danni fil-proprjetà u lil terzi sakemm dawk id-danni ma jkunux jirrizultaw minn traskuragni kbira min-naha tal-haddiema tal-port.

Mix-xhieda prodotti mis-Socjeta Attrici, partikolarment minn dik ta' Doreen Curmi irrizulta li s-Socjeta Attrici waslet ghall-konkluzjoni li l-incident li ta lok ghal din il-kawza kien frott ta' negligenza grossolana da parti tal-Konvenut. Curmi tghid li hi rnexxilha tnaqqas l-ammont tad-danni. Curmi kkonfermat li s-Socjeta Attrici ghandha assigurazzjoni kif iridu r-Regolamenti viggenti izda tghid li fil-kaz odjern ma kienx jaqbel li tiddahhal is-socjeta assikuratrici minhabba l-hlas tal-*excess*. Tghid li f'dan il-kaz ma kienx jaqbel li jduru fuq is-socjeta assikuratrici. Hija kkonfermat ukoll li l-Konvenut dahal fix-xena biss wara li thallsu d-danni lit-terzi u imbaghad daru fil-konfront tieghu. Matthew Pace Bonello (a fol 139) xehed li l-lista tal-haddiema tax-Xatt li jintbaghtu jahdmu fuq bastimenti li jkunu qeghdin ihottu fil-facilita tas-Socjeta Attrici ma tigix kompilata mis-Socjeta Attrici imma minn terzi. Jghid li l-Konvenut kien involut f'incidenti ohra.

Fejn imiss id-dinamika tal-incident – qofol tal-kwistjoni odjerna – xehed il-Konvenut (a fol 152) li stqarr hekk: "*Nghid li dak in-nhar tal-incident ma kien hemm hadd jidderigi x-xoghol. Lanqas kien hemm bahrin biex jarawlna ahna u hergin. Il-foreman naturalment kien qieghed prezenti imma mhux bil-fors kien qieghed magenbi. Jista' jkun li kien qed jaghmel xi haga ohra. Nghid li meta jkun qed jinhatt bastiment ikun hemm certu konfuzjoni fis-sens li jkun*

*hemm affarijiet diversi nezlin minn abbord, per ezempju jkun hemm* trailers *nezlin fl-istess hin li jkunu nezlin il-vetturi… Nghid li dak in-nhar tal-incident jien kont hiereg b'vettura bir-reverse. Il-vettura kienet mghottija bil-plastik u l-mirja laterali peress li kienu electronic kienu maghluqin. Nghid li kif hrigt bir-*reverse *kont qieghed indur u ezatt kif dort jiena lqatt il-poggaman tal-bastiment. Nghid li ma stajtx narah ghaliex kien mghotti u ma kien hemm hadd biex jaghmilli s-sinjali.*"

It-Tribunal iqis li l-procedura tal-Port hi dik li hi u haddiem ma jistax jirrifjuta li jahdem. Certament li mhuwiex floku li haddiem li jmur ghax-xoghol jispicca vittma tac-cirkostanzi u flok jippercepixxi stipendju jispicca jhallas minhabba prattici hziena f'sistema ta' xoghol arkajci li qisu hadd ma jrid jirrevedi. Is-solliev huwa li l-ligi tahseb ghal kopertura bl-assigurazzjoni u thalli r-responsabbilita biss fuq il-haddiem f'kaz ta' traskuragni grossolana.

Rinfaccjat b'dan kollu, it-Tribunal qies il-provi li ghandu quddiemu u ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li l-Konvenut b'xi mod agixxa bi traskuragni kbira li trendih responsabbli ghad-danni.

It-Tribunal iqis li fil-kaz odjern, is-Socjeta Attrici kienet aktar spinta minn kunsiderazzjonijiet kummercjali ta' x'jaqbel u x'ma jaqbilx milli mill-kunsiderazzjoni ta' jekk l-incident kienx frott ta' traskuragni grossolana tal-Konvenut. Fuq kollox, minn dak li stqarr u spjega l-Konvenut meta xehed (a fol 153) jidher li l-manuvri li kellhom isiru f'ambjent ristrett bhalma hu dak ta' bastiment *Ro-Ro* b'vetturi miksija bil-plastik ma kienux manuvri semplici u setghu facilment jaghtu lok ghal incidenti. Indipendentement mill-prattika fix-xoghol tax-Xatt, u mill-fatt li l-Konvenut la kien ilu jahdem bhala *port worker* u lanqas ma kien ilu zmien li gab il-licenzja biex isuq, jidher car fic-cirkostanzi li l-Konvenut m'agixxiex b'negligenza grossolana u kwindi se jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, fil-waqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-Konvenut stante li deciza precedentement, jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Konvenut u konsegwentement jichad it-talba attrici. Spejjez ghandhom ikunu a karigu tas-Socjeta Attrici, salv dawk tas-sentenza parzjali li kif deciz ghandhom ikunu sopportati mill-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*